

Brussell, 1 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6752/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0040(NLE)

FISC 54
ECOFIN 173

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 58 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 li tawtorizza lill-Polonja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 58 final.

Mehmuż: COM(2022) 58 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.2.2022
COM(2022) 58 final

2022/0040 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 li tawtorizza lill-Polonja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura tal-għbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310¹, fid-29 ta' April 2021, il-Polonja sottomettiet rapport lill-Kummissjoni dwar l-impatt globali tagħha fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-fornituri (persuni taxxabli) kkonċernati u rreġistrati fil-5 ta' Mejju 2021.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' Lulju 2021, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni sabiex tkompli tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tar-rekwiżiti ta' fatturar tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tintroduċi mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum għall-provvisti ta' merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi li ġeneralment huma koperti bil-mekkaniżmu tar-reverse charge u mill-obbligazzjoni in solidum fil-Polonja. F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Polonja permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ottubru 2021. Permezz tal-ittra datata t-28 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tqis it-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Polonja introduċiet il-mekkaniżmu volontarju ta' ħlas maqsum fl-1 ta' Lulju 2018. Wara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310, il-Polonja introduċiet mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum għall-ħlas tal-VAT għal ċerti provvisti ta' merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi. Il-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum huwa bbażat fuq l-istess prinċipji tal-mekkaniżmu volontarju tal-ħlas maqsum. Iż-żewġ mudelli ta' mekkaniżmu ta' ħlas maqsum (jiġifieri volontarju u obligatorju) jeżistu b'mod parallel, u normalment jissupplimentaw lil xulxin. Dan jimplika li ż-żewġ mudelli huma bbażati fuq l-istess sistema ta' kontijiet bankarji u jirreferu għal tranżazzjonijiet bejn in-negozji (B2B) fejn il-ħlas isir permezz ta' trasferiment bankarju elettroniku. Meta persuna taxxabli twettaq provvisti fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħlas maqsum, hi tkun obligata li minbarra l-kont tal-bank regolari tagħha jkollha wkoll kont tal-VAT imblukkat separat. Il-bank se jaġixxi bħala aġent tal-qsim u jwettaq l-attivitajiet bil-għan li jittrasferixxi l-ammont imħallas mill-klijent fil-kontijiet rilevanti tal-fornitur, jiġifieri l-ammont ta' taxxa lil kont regolari tan-negozjant; u l-ammont tal-VAT fil-kont tal-VAT imblukkat tan-negozjant. Il-fondi fil-kont tal-VAT imblukkat huma proprjetà tal-persuna taxxabli. Madankollu, huwa possibbli biss li wieħed jiddisponi mill-fondi relatati mal-ħlas tal-VAT dovuta lill-awtorità tat-taxxa jew mal-VAT li tirriżulta minn fatturi riċevuti mingħand il-fornituri.

Peress li timponi li l-VAT dovuta titħallas f'kont tal-bank tal-VAT imblukkat tal-fornitur, il-miżura għandha l-għan li tiġġieled il-frodi tat-taxxa fil-forma ta' nuqqas ta' ħlas tal-obbligazzjoni tal-VAT mill-fornituri ta' merkanzija u servizzi li huma suxxettibbli għall-frodi. Peress li l-ammont ta' VAT iddepożitat f'kont tal-VAT separat ta' persuna taxxabli jista'

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310 tat-18 ta' Frar 2019 tawtorizza lill-Polonja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 51, 22.2.2019, p. 19–27).

jintuża biss għal skopijiet ristretti, jiġifieri għall-ħlas tal-obbligazzjoni tal-VAT lill-awtorità tat-taxxa jew il-ħlas tal-VAT fuq il-fatturi riċevuti minn fornituri, l-awtoritajiet tat-taxxa għandhom garanzija akbar li jirċievu l-ammont sħiħ tal-VAT li jenħtieġ li jiġi ttrasferit mill-persuna taxxabbli lit-Teżor tal-Istat.

Il-mekkaniżmu tal-ħlas maqsum isir obligatorju meta mill-inqas oġġett wieħed speċifikat fuq il-fattura li l-ammont gross totali tiegħu (inkluża l-VAT) jaqbeż PLN 15 000 u jirreferi għall-merkanzija jew is-servizzi suxxettibbli għall-frodi inklużi fl-ambitu tal-miżura ta' deroga elenkata fl-anness.

Dawn il-provvisti jkopru setturi ekonomiċi bħall-azzar, ir-ruttam, it-tagħmir elettroniku, id-deheb, il-metalli mhux ferrużi, il-fjuwil u l-plastik, li kienu ġeneralment soġġetti għall-mekkaniżmu ta' reverse charge u għall-obbligazzjoni *in solidum* fil-Polonja qabel l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum (il-lista ta' provvisti li għandhom ikunu koperti mill-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum hija inkluża fl-Annex tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310).

Ir-Repubblika tal-Polonja tinnota li mad-dħul fis-seħħ tal-hekk imsejja "matriċi tar-rati tal-VAT" għada fl-1 ta' Lulju 2020, il-metodu għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi nbidel għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu obligatorju tal-ħlas maqsum, li jikkonsisti fis-sostituzzjoni tal-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Merkanzija u s-Servizzi tal-2008 (PKWiU 2008) bil-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Merkanzija u s-Servizzi tal-2015 (PKWiU 2015). It-tranżizzjoni għal PKWiU 2015 ma kkawżat l-ebda bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi koperti mill-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum skont id-Deċiżjoni 2019/310. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi elenkati fl-Annex tad-Deċiżjoni 2019/310 ser jibqa' validu. F'ċerti punti tal-PKWiU 2015, kienu biss is-simboli tal-klassifikazzjoni statistika jew l-ismijiet editorjali tal-merkanzija u s-servizzi li ġew immodifikati fir-rigward tal-PKWiU 2008, li fuqu huwa bbażat l-Annex tad-Deċiżjoni 2019/310. Madankollu, ma kkawżat l-ebda bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi koperti mill-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-Annex tad-Deċiżjoni 2019/310 jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jirrifletti l-bidliet li saru fil-PKWiU 2008 minn PKWiU 2015.

Il-miżura ta' deroga tirrikjedi li kwalunkwe fattura maħruġa għall-provvista tal-merkanzija u s-servizzi bejn il-kontribwenti tal-VAT, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-ħlas maqsum, tinkludi dikjarazzjoni speċjali li l-VAT għandha titħallas fil-kont bankarju tal-VAT imblukkat separat tal-fornitur.

Skont ir-regoli ġenerali applikabbli fil-Polonja, f'każ ta' surplus tat-taxxa fuq ix-xiri li jaqbeż it-taxxa fuq il-bejgħ li hija rikonossuta mill-persuna taxxabbli fid-dikjarazzjoni tal-VAT bħala ammont rifuż tal-VAT, il-ħlas ta' tali rifużjoni se titwettaq fi żmien 60 jum f'kont regolari tal-persuna taxxabbli. Sabiex jonqsu l-effetti tal-mudell ta' ħlas maqsum fuq il-fluss ta' flus tan-negozjanti, hija prevista proċedura aktar mgħaġġla mill-Polonja għar-rifużjoni tas-surplus tat-taxxa fuq ix-xiri. Fuq talba tal-persuna taxxabbli, ir-rifużjoni se ssir fi żmien 25 jum. Madankollu, skont l-informazzjoni pprovduta mill-Polonja, tali talbiet jiġu ttrattati f'perjodu ta' żmien qasir ħafna (peress li jirriżulta mill-valutazzjoni tal-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum, l-applikazzjonijiet għar-rilaxx tal-fondi ġew deċiżi fi żmien inqas minn 16-il jum matul Diċembru 2020).

Skont il-Polonja, l-ispejjeż tat-tħaddim tas-sistema ta' ħlas maqsum jenħtieġ li ma jkun sinifikanti u fil-biċċa l-kbira tagħhom se jkunu konnessi mal-implimentazzjoni tas-sistema, mal-manutenzjoni tagħha u mal-ġestjoni tal-kont tal-bank.

Il-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-miżuri komplementari li għandhom l-għan li jnaqqsu l-frodi tal-VAT u jimmodernizzaw is-sistema tat-taxxa Pollakka, li ġew introdotti mill-Polonja f'dawn l-aħħar snin².

Wara li kkunsidrat dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum għall-provvisti tal-merkanzija u s-servizzi suxxettibbli għall-frodi u elenkati fl-Anness jista' jwassal għal riżultati effettivi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa. Għalhekk, huwa propost li tingħata d-deroga mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-deroga tista' tiġi awtorizzata abbażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT jew biex jiġu evitati ċerti forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. Il-Polonja talbet il-miżura ta' deroga sabiex tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa fis-setturi li fihom instab li kien hemm frodi tal-VAT għal diversi snin. Id-deroga hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti.

Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1105³, l-Italja nġhatat deroga simili biex tapplika l-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum. Skont is-sistema Taljana ta' ħlas maqsum, il-VAT dovuta tiġħallas lill-kont tal-VAT imblukkat tal-awtoritajiet tat-taxxa. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga Taljana huwa limitat għall-provvisti lill-awtoritajiet pubbliċi, għall-entitajiet ikkontrollati minn awtoritajiet pubbliċi u għal għadd ta' kumpaniji elenkati fil-Borża.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

² L-aktar miżuri konnessi rilevanti huma: il-fajl Uniku tal-Awditjar (JPK_VAT); is-sistema elettronika għall-analiżi tal-flussi tal-flus (STIR); ir-reġistru elettroniku preċiż u affidabbli tal-kontribwenti tal-VAT (il-Lista Bajda); is-sistema ta' cash registers online għall-monitoraġġ tas-settur tal-bejgħ bl-imnut; il-matriċi l-ġdida tar-rati tal-VAT li ssimplifikat l-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa tal-VAT u żiedet iċ-ċertezza tal-persuni taxxabli fir-rigward tal-applikazzjoni korretta tar-rati tal-VAT permezz tal-introduzzjoni tal-informazzjoni dwar ir-rata vinkolanti li hija deċiżjoni maħruġa fuq talba tal-persuna taxxabli biex tiġi stabbilita r-rata korretta għall-merkanzija/servizzi; analiżi avvanzata tal-big data mill-amministrazzjoni tad-dħul; id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni tad-dħul.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1105 tal-24 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/784 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 206 u 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 242, 28.7.2020, p. 4-6).

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi ebda obbligu.

Billi d-deroga hija limitata fiż-żmien u ristretta għal provvisti speċifiċi, il-kamp ta' applikazzjoni huwa mmirat għal setturi li jikkawżaw problemi konsiderevoli ta' frodi tat-taxxa.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-deroga, il-Polonja għandha tissottometti rapport dwar il-funzjonament u l-effettività tal-miżura fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabli (rigward ir-rifużjonijiet tal-VAT, il-piż amministrattiv, l-ispejjeż għall-persuni taxxabli, eċċ.) f'każ li l-Polonja titlob li l-miżura speċjali tiġi estiża.

Għalhekk, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri li tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u li jiġi ssimplifikat il-għbir tat-taxxi.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, tista' tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Polonja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Għbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tawtorizza lill-Polonja sabiex tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva tal-VAT u tintroduċi l-mekkaniżmu obligatorju ta' hłas maqsum għall-hłas tal-VAT fuq provvisti speċifiċi ta' merkanzija u servizzi.

F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2019/310, fi żmien 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-miżura msemmija fl-Artikolu 1, il-Polonja kienet obligata tissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar l-impatt globali tagħha fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabli kkonċernati. Peress li din il-miżura tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, ir-rapport imsemmi hawn fuq ġie sottomess lill-Kummissjoni fid-29 ta' April 2021 u ġie rreġistrat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Mejju 2021.

Il-valutazzjoni tal-funzjonament tal-mekkaniżmu obligatorju ta' hłas maqsum magħmul mill-Polonja, turi b'mod partikolari li din il-miżura qed tikkomplementa miżuri ewlenin oħra biex titnaqqas l-evażjoni tat-taxxa⁴. Il-miżuri komplementari implimentati għall-mekkaniżmu

⁴ Ara l-lista ta' miżuri fin-nota 2 f'qiegħ il-paġna

obligatorju ta' ħlas maqsum, ikkontribwew għat-tnaqqis tal-iskala tal-frodi tal-VAT, inklużi l-frodi karusell u l-estorsjonijiet tal-VAT. Il-Polonja rreġstrat tnaqqis sinifikanti fid-diskrepanza tal-VAT li fi żmien qasir waqgħet taħt il-medja tal-UE. Skont l-istimi tal-CASE għall-Kummissjoni Ewropea, dan naqas għal madwar 9,7 % fl-2019 (bi tnaqqis ta' 0,2 pp meta mqabbel mal-2018)⁵, filwaqt li d-diskrepanza tal-VAT kienet ta' madwar 14 % fl-2017. Minħabba l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija, is-sitwazzjoni ekonomika fil-Polonja ddeterjorat b'mod sinifikanti fl-2020 u d-domanda għall-konsum naqset. Madankollu, l-istimi preliminari tal-Ministeru tal-Finanzi inklużi fil-Pjan Finanzjarju Pluriennali tal-Istat għas-snin 2021-2024 jindikaw li d-diskrepanza tal-VAT naqset b' 1,3 pp oħra matul l-2020 irrISPETTIVAMENT mir-riċessjoni u ammontat għal madwar 10,8 % tal-influssi potenzjali.

Il-fondi fuq il-kont tal-VAT imblukkat ma jistgħux jintużaw mill-persuna taxxabli, sakemm dan ma jsirx għall-ħlas tal-VAT dovuta lill-awtorità tat-taxxa jew għall-ħlas tal-VAT li tirriżulta mill-fatturi riċevuti mill-fornituri li jħallu impatt fuq il-fluss ta' flus tan-negozjanti. Sabiex jitnaqqas l-impatt negattiv, fil-każ ta' surplus tat-taxxa fuq ix-xiri li jaqbeż it-taxxa fuq il-bejgħ li huwa rikonoxxut mill-awtoritajiet tat-taxxa, hija prevista proċedura aktar mgħaġġla mill-Polonja għar-rifużjoni tas-surplus tat-taxxa fuq ix-xiri. Fuq talba tal-persuna taxxabli, ir-rifużjoni għandha ssir fi żmien 25 jum mid-data ta' sottomissjoni għal dikjarazzjoni tat-taxxa minflok 60 jum skont il-proċedura normali. Matul il-fażi preliminari tal-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum volontarju (li bdiet mill-1 ta' Lulju 2018), l-awtoritajiet tat-taxxa ħadu medja ta' 27,56 jum biex jipproċessaw applikazzjoni, filwaqt li l-istess proċediment ħa biss 15,90 jum f'Diċembru 2020. Dan ifisser li l-applikazzjonijiet għar-rilaxx ta' fondi jiġu pproċessati mill-awtoritajiet tat-taxxa b'mod dejjem aktar effiċjenti. Dan huwa partikolarment importanti matul is-sitwazzjoni attwali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, għan-negozji li għandhom problemi b'likwidità finanzjarja kontinwa.

Barra minn hekk, fit-talba tagħha l-Polonja ssottolinjat li l-prijorità se tkun li jiġi żgurat li r-rifużjonijiet tat-taxxa jitwettqu b'mod effettiv u f'waqtu. Dan se jaċċellera r-rifużjoni tas-surplus tat-taxxa fuq ix-xiri li jaqbeż it-taxxa fuq il-bejgħ fil-kont tal-VAT b'termini preferenzjali f'perjodu massimu ta' 25 jum mid-data tas-sottomissjoni tas-saldu (rifużjoni tat-taxxa).

Il-fornituri li mhumiex stabbiliti fil-Polonja se jkunu koperti wkoll mill-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum meta jwettqu l-provvisti ta' merkanzija jew servizzi soġġetti għall-ħlas maqsum obligatorju fil-Polonja. Dawn in-negozjanti jrid ikollhom kont tal-bank imħaddem skont il-Liġi Bankarja Pollakka. Il-Polonja kkonfermat lill-Kummissjoni li n-negozjanti li mhumiex stabbiliti mhux se jġarrbu spejjeż addizzjonali relatati mal-obbligu li jifih u jgħid il-kont tal-bank fil-Polonja, minħabba li dawn il-persuni taxxabli ser ikunu jistgħu jifih u jgħid il-kont tal-bank fil-Polonja mingħajr ebda ħlas. Bħalissa, il-persuni taxxabli mhux stabbiliti fil-Polonja ma jġarrbux spejjeż addizzjonali b'rabta mal-obbligu li jifih kont bankarju fil-Polonja u jgħid il-kont tal-VAT. L-Att dwar il-VAT jipprovdi għal sistema speċjali ta' kumpensi f'każ li entitajiet bħal dawn jiġu ċċarġjati mill-banek tagħhom talli jgħid il-kontijiet imsemmija hawn fuq. F'tali sitwazzjoni, l-ispejjeż sostnuti jiġu rimborsati mill-awtorità tat-taxxa kompetenti fuq talba tal-persuna taxxabli barranija.

Vantaġġ sinifikanti ieħor huwa li l-persuni taxxabli li japplikaw il-mekkaniżmu tal-ħlas maqsum ma jistgħux, bħala regola, jiġu imposti bl-hekk imsejja sanzjoni tal-VAT fil-forma ta' obligazzjoni miżjuda tal-VAT, li għandha tiġi stabbilita mill-awtorità tat-taxxa (ekwivalenti għal 20 %, 30 % jew 100 % tad-differenza bejn l-ammont stabbilit mill-awtorità

⁵ Studju u Rapporti dwar id-Diskrepanza tal-VAT fir-Rapport Finali tal-EU-28 tal-Istati Membri tal-2020, CASE – Ċentru għar-Riċerka Soċjali u Ekonomika (Mexxej tal-proġett) Settembru – 2020.

tat-taxxa u l-ammont oriġinali ddikjarat b'mod skorrett mill-persuna taxxabbli). Barra minn hekk, l-impreditur li japplika l-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum ma jistax jintalab iħallas interessi moratorji għad-djun tal-VAT b'rata miżjuda (ekwivalenti għal 150 %), akkumulati matul il-perijodu ta' rapportar li fih huwa uża l-mekkaniżmu biex iħallas għal mill-inqas 95 % tal-fatturi tax-xiri tiegħu.

L-hekk imsejjaħ skont itejjeb il-likwidità finanzjarja tal-persuni taxxabbli li japplikaw il-mekkaniżmu tal-ħlas maqsum. Dan jippermetti li jitnaqqas l-ammont ta' obligazzjoni tal-VAT f'każ li dan jitħallas b'kollox mill-kont tal-VAT qabel id-data finali tal-ħlas. L-ammont ta' skont huwa kkalkulat skont formula speċjali. It-tali skont ma jenħtieġ li jkollu impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.

Qabel l-implimentazzjoni tal-miżura speċjali, kien hemm 3 507 proċediment mibdija minħabba r-reati relatati mal-estorsjonijiet tal-VAT fl-2018 u 3 389 proċedimenti fl-2019 (tnaqqis ta' 118 sena għal sena). Fl-2020, meta l-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum sar kompletament operattiv, l-għadd ta' tali proċedimenti ammonta għal 2 973, jiġifieri 416 inqas meta mqabbel mas-sena preċedenti.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum, l-ammont ta' telf baġitarju minħabba l-estorsjoni tal-VAT kien ugwali għal PLN 5 168 779 146 fl-2018 u PLN 4 716 202 928 fl-2019 (tnaqqis ta' PLN 452,576,218 sena għal sena). Fl-2020, it-telf baġitarju ammonta għal PLN 3 533 646 348, jiġifieri PLN 1 182 556 580 inqas meta mqabbel mas-sena preċedenti (tnaqqis ta' kważi 25,1 %).

Qabel l-implimentazzjoni tal-miżura ta' deroga, l-għadd ta' proċedimenti mibdija dwar il-frodi karusell tal-VAT kien ta' 558 fl-2018 u 277 fl-2019 (tnaqqis ta' 281 sena għal sena). Fl-2020, meta l-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum kien operattiv, l-għadd ta' tali proċedimenti ammonta għal 207, jiġifieri 70 inqas meta mqabbel mas-sena preċedenti. Matul il-perjodu analizzat ġie rreġistrat ukoll li t-telf baġitarju identifikat minħabba l-frodi karusell tal-VAT kien qed jonqos gradwalment. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum, l-ammont tat-telf baġitarju rispettiv kien jammonta għal PLN 4 496 602 940 fl-2018 u PLN 2 468 437 745 fl-2019 (tnaqqis ta' PLN 2 028 165 195 sena għal sena). Fl-2020, dan it-telf ammonta għal PLN 1 107 992 201, jiġifieri PLN 1 360 445 544 inqas mis-sena preċedenti (tnaqqis ta' kważi 55,1 %).

Fl-2019, id-dħul mill-VAT ammonta għal PLN 180 891,8 miljun (żieda ta' PLN 5 944,7 miljun meta mqabbel mal-2018). Id-data preliminari dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-istat fl-2020 tindika li d-dħul mit-taxxa fuq il-merkanzija u s-servizzi żdied meta mqabbel mas-snin preċedenti irrispettivament mit-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19. Fl-2020, id-dħul mill-VAT ammonta għal PLN 184 551,9 miljun u kien ta' PLN 3 660,1 miljun (b' 2 %) ogħla meta mqabbel mad-dħul mill-VAT fl-2019, u għaldaqstant b' PLN 9 604,8 miljun (b' 5.5 %) ogħla meta mqabbel mal-2018 (PLN 174 947,1 miljun).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma hu se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni; limitu taż-żmien awtomatiku.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 li tawtorizza lill-Polonja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' Lulju 2021, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni sabiex tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tar-rekwiżiti ta' fatturar tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tintroduċi mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum għall-provvisti ta' merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u li ġeneralment ikunu koperti bil-mekkaniżmu tar-reverse charge u l-obbligazzjoni *in solidum* fil-Polonja. Il-Polonja talbet il-miżura speċjali għal perjodu ta' tliet snin, mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Polonja permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ottubru 2021. Permezz tal-ittra datata t-28 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tqis it-talba.
- (3) Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310², il-Polonja ssottomettiet rapport lill-Kummissjoni dwar l-impatt globali tagħha fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabbli kkonċernati permezz ta' ittra datata d-29 ta' April 2021.
- (4) Għalkemm il-Polonja ħadet bosta miżuri sabiex tiġġieled il-frodi (pereżempju, l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' reverse charge u tal-obbligazzjoni *in solidum* mill-klijent, l-introduzzjoni tal-Fajl Standard tal-Awditjar, ir-regoli aktar stretti għar-reġistrazzjoni u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-persuni taxxabbli, żiedet l-għadd ta' awditi, eċċ.), hija tal-fehma li dawk il-miżuri għadhom mhumiex biżżejjed sabiex tiġi pprevenuta l-frodi tal-VAT.

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310 tat-18 ta' Frar 2019 tawtorizza lill-Polonja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 51, 22.2.2019, p. 19–27).

- (5) Il-Polonja introduċiet il-mekkaniżmu volontarju ta' ħlas maqsum fl-1 ta' Lulju 2018 u l-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum fl-1 ta' Marzu 2019.
- (6) Il-merkanzija u s-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura speċjali huma elenkati fl-Anness skont il-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Prodotti u s-Servizzi tal-2015 (PKWiU 2015) li ssostitwiet il-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Prodotti u s-Servizzi tal-2008 (PKWiU 2008) mill-1 ta' Lulju 2020. Fil-PKWiU 2015 is-simboli tal-klassifikazzjoni statistika u l-ismijiet editorjali ta' ċerti merkanzija u servizzi li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 ġew modifikati. Dak l-Anness jenħtieġ li għalhekk jiġi aġġornat u sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Il-mudell obligatorju ta' ħlas maqsum se jkompli japplika għall-provvisti bejn il-persuni taxxabbli, minn negozju għal negozju (B2B), ta' merkanzija u servizzi elenkati fl-Anness u se jkopri biss it-trasferimenti bankarji elettroniċi. Il-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum se jkompli japplika għan-negozjanti kollha, inklużi dawk in-negozjanti li mhumiex stabbiliti fil-Polonja.
- (8) Ir-rapport li ssottomettiet il-Polonja jikkonferma li l-mekkaniżmu obligatorju ta' ħlas maqsum għall-provvisti ta' merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi jwassal għal riżultati effettivi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa.
- (9) B'mod ġenerali, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura speċjali hijiex xierqa u effettiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżura speċjali tiġi estiża sat-28 ta' Frar 2025.
- (10) Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tad-deroga, il-Polonja għandha tissottometti rapport dwar il-funzjonament u l-effettività tal-miżura fil-livell ta' frodi tal-VAT u dwar il-persuni taxxabbli (rigward ir-rifużjonijiet tal-VAT, il-piż amministrattiv, l-ispejjeż għall-persuni taxxabbli eċċ.) f'każ ta' talba biex tiġi estiża l-miżura ta' deroga.
- (11) Il-miżura speċjali mhux se jkollha effett negattiv fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Meta l-Polonja tikkunsidra li l-estensjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 1 hija neċessarja, il-Polonja għandha tissottometti talba għal-estensjoni lill-Kummissjoni, flimkien ma' rapport dwar l-impatt globali tagħha fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabbli kkonċernati”.

- (2) fl-Artikolu 3 id-data tat-“28 ta' Frar 2022” hija sostitwita bid-data tat-“28 ta' Frar 2025”.

- (3) l-Anness huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*